# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, it-Tnejn 7 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 24.
Citazz. Nru. 292/01 JRM

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Stephen BUSUTTIL**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenut Stephen Busuttil;

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Stephen Busuttil fl-ammont ta’ elf u tnejn u ghoxrin liri maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm1,022.33) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” tal-konvenut Stephen Busuttil mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok “A”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenut Stephen Busuttil gie nterpellat permezz ta’ Ittra Ufficjali datata 1 ta’ Novembru, 2000 li qed tigi hawn esebita u markata Dok “B” sabiex ihallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenut Stephen Busuttil ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u tnejn u ghoxrin liri maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm1,022.33) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” tal-konvenut Stephen Busuttil mal-Bank of Valletta p.lc. (Dok “A”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 ta’ Novembru, 2000 (Dok “B”) u tal-Mandati ta’ Qbid u ta’ Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;
‘
Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici** kif dedotta fic-citazjoni b’dan illi tikkundanna lill-

konvenut Stephen Busuttil ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tnejn u ghoxrin liri maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm1,022.33) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut Stephen Busuttil mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Novembru 2000 (Dok "B") u tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Mejju, 2001.**